# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NUMRU 1183

**KAŻ NRU: 1349**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol**
**bejn**
**George Agius**
**u**
**Freeport Terminal (Malta) plc**
**dwar tkeċċija mill-impieg**
**allegata li hi nġusta**

**Data: 29 ta' Marżu 2001**

**CHAIRMAN: Is-Sur Colin Tabone**

Din il-kwistjoni tax-xogħol ġiet referita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Viċi Prim Ministru u Ministru għal Politika Soċjali permezz ta' ittra datata 17 ta' Ġunju 1999, ref: MSP/T1/50/99 biex tiġi proċessata skond il-provediment ta' l-Artiklu 28(2) tal-kap. 266 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-appellant kien assistit minn Dr. John Attard Montaldo u Dr. Aaron Mifsud Bonnici filwaqt li l-kumpanija kienet rappreżentata mis-Sur Frank Azzopardi - Human Resources Manager - assistit mill-Avukat Richard Camilleri.

**Sottomissjonijiet tal-każ:**

L-appellant issottometta li d-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina li sanżjona t-tkeċċija kienet inġusta għal diversi raġunijiet.

Huwa minnu li l-inċident seħħ u li r-riżultat ta' dan l-inċident persuna soffriet ferita iżda l-persuna li soffriet il-ferita kienet il-persuna li ħolqot l-inċident. L-inċident inħoloq wara li mpjeġat ieħor insulta ripetutament u offenda bla provokazzjoni lill-istess appellant.

Waqt li mpjeġat ġdid jipprova jassimila ruħu mal-bqija ta' l-impjeġati, jkun hemm impjeġati oħra li jeżerċitaw tip ta' 'bullying'. Jirriżulta li l-persuna li magħha kellu l-inċident kien ilu jkellmu ħażin minn meta kien it-'trainer' tiegħu. L-appellant irreaġixxa għal provokazzjoni kontinwa ta' din il-persuna l-oħra avolja dan hu kundannabbli, irid jitqies fil-perspettiva ta' kif ġara l-każ u ċ-ċirkostanżi mitiganti.

Huwa għalhekk sfortunat li minkejja dawn iċ-ċirkonstanżi l-Bord ta' Dixxiplina għażel li jagħti l-eħrex piena, jiġifieri tkeċċija. Fil-ftehim kollettiv f' Appendix F paragrafu 4a jikkontempla sospensjoni bħala piena. Għalhekk mhux minnu li l-Bord ta' Dixxiplina ma kellux triq oħra.

Il-kumpanija minn naħa tagħha, ddikjarat li dan il-każ quddiem it-Tribunal hija ntempestiva peress li l-appellant kien appella mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina u li dan l-appell għadu pendenti quddiem il-Bord għar-Relazzjonijiet Industrijali Aħjar.

Iżda mingħajr preġudizzju għal dan, mhuwiex minnu li l-appellant tkeċċa nġustament. L-impjieġ ġie tterminat għar-raġuni tajba u suffiċjenti peress li l-appellant kien involut f'inċident serju fejn fost affarijiet oħra ħabat għall-impjeġat ieħor u kkaġunalu ferita. L-impjieġ ġie teminat fuq deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina wara li kkonsidra l-provi u l-istess appellant ingħata l-opportunita' li jippreżenta l-każ tiegħu.

Ġew ippreżentati kopja tal-Bord tad-Dixxiplina u waqt is-seduta ritratti tal-oġġett li ntuża u kopja tal-Collective Agreement. Telgħu biex jixhdu numru ta' mpjeġati w uffiċjali tal-kumpanija w il-persuna li magħha nqala l-inċident.

Fil-bidu tas-smiegħ ta' din il-kwistjoni tax-xogħol, l-avukat ta' l-appellant indika li kien ser jirrinunzja għal appell u b'hekk il-każ seta jibda.

L-inċident ġie deskritt b'mod dettaljat mix-xhieda kollha u kien hemm qbil dwar kif żvolġa l-inċident.

It-Tribunal għandu jagħmel osservażżjoni mportanti biex jittratta dan il-każ.

It-Tribunal irid jenfasiżża li dan il-każ jirrigwarda lis-Sur Gorg Agius u lis-Sur Agius biss u mhux il-persuna l-oħra li kienet koinvolta fl-inċident li wassal għat-tkeċċija tas-Sur Agius. Dan hu t-termini li t-Tribunal għandhu filwaqt li jifhem il-pożiżżjoni ta' l-appellant.

It-Tribunal irid jeżamina u jiddeċiedi dwar jekk it-tkeċċija tas-Sur Agius minn mal-kumpanija Freeport Terminal (Malta) plc saritx b'mod ġust u korrett. Huwa naturali li ċerti paraġuni jistgħu jiżvijaw f'din il-kwistjoni.

Ix-xhieda li nstemgħu kkoraboraw mar-rapport tal-Bord tad-Dixxiplina fid-dettalji ta' kif żvolġa l-inċident. Ħadd ma jinneġa li l-inċident sar u kif sar.

Hawnhekk it-Tribunal jinnota li l-ażżjoni tal-kumpanija wara li seħħ dan l-inċident kien li jittieħdu dawk il-provedimenti neċessarju. Jirriżulta skond ix-xhieda li l-kumpanija għamlet talba quddiem il-Bord tad-Dixxiplina li waħda iebsa jiġifieri li fil-każ ta' l-appellant u fil-każ tal-persuna l-oħra nvoluta fl-inċident it-talba kienet waħda ta' tkeċċija.

Skond l-istess xhud fl-aħħar għaxar snin dan kien l-ewwel każ ta' din in-natura.

Il-każ li għandna quddiemna huwa każ serju ħafna li seta kellu konseġwenżi ġravi. Il-linja li ħa l-appellant hi li t-tkeċċija kienet piena ħarxa wisq meta iqis li l-appellant ġie pprovokat. Minn naħa l-oħra l-kumpanija għandha l-obbliġu li tieħu dawk l-ażżjonijiet skond il-ġravita tal-każ.

**<u>Konklużżjoni:</u>**

It-Tribunal irid jiddelibera fuq dawn il-punti:

1. L-inċident kien ġravi jew le?
2. L-ażżjoni tal-kumpanija kienet korretta u relatata mal-ġravita tal-każ?
3. Il-każ li tressaq mill-kumpanija quddiem il-Bord tad-Dixxiplina kien konvinċenti?
4. Kien hemm xi abbuż jew 'two weights' jew 'two measures' fil-konfront taż-żewġ atturi fl-inċident minn naħa tal-kumpanija?

Kif semmejt fil-bidu, t-Tribunal irid jiddeċiedi fuq it-talba ta' l-appellant. It-Tribunal wara li wiżen bir-reqqa dak li ntqal u dak li sar jiddikjara li l-kumpanija mxiet b'mod ġust u korrett.

It-Tribunal huwa sodisfatt li l-proċeduri li ġew segwiti għar-rigward l-inċident li seta kellu konsegwenżI aktar serji. Il-passi tad-Dixxiplina li ġew meħuda mill-kumpanija jirriżulta li t-tkeċċija tas-Sur Agius saret skond il-liġi.

Għal finijiet ta' l-avviż nru. 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' LM 40.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Colin Tabone
Chairman

M'Rose Galea
A/Seġretarja

Mingħajr ebda preġudiżżju t-Tribunal jagħmel appell lill-Freeport Terminal (Malta) plc biex is-sentenża ta' tkeċċija tiġi mibdula f'waħda ta' sospensjoni twila.